MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1851/1999/1

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-attrici ilha mizzewga lill-konvenut mill-11 ta' Novembru, 1989, u minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tifel minuri C ta' disa' snin u nofs;

U premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati verso l-attrici u binha ta' eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi, u swat, b' dan ukoll li minhabba dan l-atteggjament illegali tieghu lejn l-attrici u binha, il-hajja konjugali ta' bejniethom saret impossibli, u z-zwieg tkisser irrimedjabilment;

U premess illi l-konvenut tant irrenda l-hajja konjugali impossibli minhabba eccessi, mohqrija, theddid, ingurji gravi, u swat illi l-attrici u binha kellhom jitilqu mid-dar konjugali u qeghdin jirrisjedu ghand omm l-attrici;

U premess illi l-attrici minhabba ragunijiet premessi giet awtorizzata tistitwixxi din il-kawza b' digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili numru 778/99 li kopja tieghu qed jigi hawn anness u mmarkat "Dok. LC";

Jghid ghalhekk il-konvenut il-ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet imputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tiffissa u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dik ir-retta alimentari settimanali pagabbli minnu lill-attrici;

3. Tiffissa u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas dik ir-retta alimentari settimanali pagabbli minnu lill-ibnu minuri C;

4. Tiddikjara li l-kura u l-kustodja tal-minuri C tigi fdata fl-interess ta' l-istess minuri f' idejn l-attrici.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet kontendenti;

6. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti f' zewg porzjonijiet u tassenja parti lill-attrici u parti lill-konvenut mhux necessarjament f' porzjonijiet ugwali u b' riserva ghal kwalunkwe ordni li tista' taghti dina l-Qorti in vista ta' l-artikolu 55 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi sabiex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tordna u tawtorizza lill-attrici sabiex tibda tirrisjedi fid-dar konjugali u cioe' Flat 2, Block G, Unit 3, Bini tal-Gvern, Guze D' Amato Street, Paola.

8. Tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu kif provdut fl-artikolu 48, 50, 51 u 52 tal-Kodici Civili jew dawk applikabbli ghal kaz in ezami.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu qeghdin jattribwixxu htijiet lill-eccipjent, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

2. Illi b' danakollu, l-eccipjent jaqbel li ssir is-separazzjoni personali ghaliex iz-zwieg tkisser irrimedjabilment u, anke wara li saret laqgha flimkien ma' l-avukati rispettivi, ma kienx hemm avvicinament bejn il-kontendenti.

3. Illi l-attrici ddekadiet mid-dritt ghall-alimenti minhabba l-imgiba taghha versu rgiel ohra.

4. Illi stante li l-eccipjent huwa bniedem habrieki fix-xoghol tieghu ta' burdnar, l-attrici ghandha tigi prekluza mill-assi miksuba bil-hidma tieghu, u meta ssir l-likwidazzjoni u divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, dan il-fattur ghandu jittiehed in konsiderazzjoni.

Rat il-kontro talba prezentata mill-konvenut rikonvenzjonant, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [appendici A];

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet prezentata mill-attrici rikonvenzjonata, u li kopja taghha qeda tigi annessa mal-gudizzju odjern [appendici B];

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport[1] tal-perit legali l-Avukatessa [illum Magistrat] Dottor Audrey Demicoli, minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Semghet lit-tifel, allura minuri, tal-partijiet, kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni u Kontro talba**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta, unikament imputabbli lill-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu, wara li ssollevat punt ta’ natura procedurali, jirrespingi dak addebitat lilu, u qed jitlob huwa wkoll is-separazzjoni personali minn ma’ martu ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap. precitat, unikament imputabbli lill-attrici.

Iz-zewg partijiet jaqblu li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment, izda jattribwixxu l-htija ta’ dan lil xulxin.

**Separazzjoni Personali**
Illi jirrizulta pacifiku li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta’ Novembru 1989, meta allura l-attrici kellha sbatax- il sena u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa disa’ [9] xhur u wara li l-attrici kienet harget tqila mill-konvenut. Fl-10 ta’ Frar 1990 twieled it-tifel C. Wara xi zmien nqala’ inkwiet matrimonjali bejn il-partijiet, li aggrava maz-zmien, bir-rizultat li eventwalment ghal habta ta’ Lulju tas-sena 1999 l-attrici, flimkien mat-tifel, telqet mid-dar konjugali u marret tghix fid-dar tal-genituri taghha. Sussegwentement fis-

[1] Fols.234 *et seq.*

sena 2001 it-tifel, minn rajh, mar jghix ma’ missieru, fejn ghadu jghix sallum.

*Verzjoni ta’ l-attrici*

Illi fl-affidavit[2] taghha l-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut kien ihalliha dejjem wahedha, tant li kienet thossha abbandunata minn zewgha. Hija tispjega li ta’ kuljum, wara x-xoghol huwa kien imur id-dar jiekol, u sussegwentement jibqa’ sejjer ghand ommu fejn kien jibqa’ sakemm jispiccaw l-ahbarijiet tat-8.00 pm. Tghid li tant kienet tkun wahedha li kienet qabditha “social phobia” bir-rizultat li kellha tmur ghal kura ghand psikjatra.

Hija takkuza lil zewgha li hu ragel possessiv u jghir hafna ghaliha, tant li kien isegwi l-passi taghha, u eventwalment meta kien rega’ dahal ghax-xoghol, kien qabbad lir-ragel ta’ ohtu sabiex isegwi l-passi taghha. In sostenn ta’ dan hija ressqet ukoll bhala xhud lil habiba taghha Catherine Farrugia[3] li rrakkontat li okkazzjoni minnhom il-konvenut kien mar d-dar taghha fejn insertat li kienet ma’ l-attrici u l-konvenut ried jivverifika jekk kienx hemm ragel fil-post. Din ix-xhud tghid ukoll li okkazzjoni minnhom kien staqsiha jekk hija stess kellhiex relazzjoni ma’ martu.

L-attrici tghid li kienet marret ghand qassis ghal counselling; u l-konvenut spicca jakkuza lil dawn b’ kunfidenzi zejda.

L-attrici tammetti li kellha hbiberija ma’ certu Joseph Saliba. Hija tipprova tiggustifika ruhha f’ dan ir-rigward billi tghid: “Peress li jien kont inqatta’ hafna hin mill-hajja mizzewwga wahdi, u peress li kwazi kull darba meta nitkellem ma’ zewgi konna nispiccaw niggieldu, kont ghamilt hbieb ma’ ragel ferma akbar minni jismu Joseph Saliba. Konna nitkellmu fuq it-telefon, u ltqajna madwar hames darbiet waqt il-break tieghu tax-xoghol u morna niehdu kafe’.” Meta l-konvenut sar jaf b’ din il-hbiberija ta’ martu, huwa hadha bil-kbira. Hija tghid: “Jien qatt ma bsart li zewgi kien johodha daqshekk bi kbira, ghaliex hu

---

[2] Fol.81
[3] Fol.101

qatt ma ta kazi."  Izda hija xorta wahda waqfet din ir-relazzjoni. L-attrici tirrakkonta wkoll kif okkazzjoni fil-Milied hija kienet irceviet rigal minghand dan il-habib taghha, u l-konvenut kien mar ghandu bih.

L-attrici tghid li l-konvenut kien jaghmel "xenati ta' gelozija eccessiva fejn kien jakkuzani li qed immur ma' dak u ma' l-iehor" u kien jghajjarha "Qahba, nittina u li nigri."  Tghid li kien ikun aggressiv maghha u kien anke jerfa' idejh fuqha. L-attrici tispjega li zewgha kien qabbad lir-ragel t' ohtu, Peter Agius, sabiex jaghmlilha l-ghassa, bir-rizultat li dan kien ikun kontinwament fil-kumpanija taghha u kien ikun ukoll "jigi jiekol id-dar, u jqatta' hafna sieghat ghandna." Hija tghid li ghandha tape-recording in sostenn ta' l-allegazzjoni taghha li zewgha kien inkariga lil Peter Agius biex joqghod ghassa ma' martu.

L-attrici tghid li, anke wara li s-separaw de facto, il-konvenut kien baqa' ifittixxha ghas-sess, u anki kien offrielha l-flus ghal dan l-ghan.  Hija tallega li minn naha tieghu, wara s-separazzjoni, il-konvenut kellhu relazzjoni ma' certu Naomi.

Illi fil-kontro ezami[4] taghha, l-attrici cahdet li kellha relazzjoni ma' Joseph Saliba, Peter Agius u li ntqal diskors mhux xieraq fuq it-telefon mill-qassis.  Hija kienet irrifjutat li tkompli tiehu manteniment minghand il-konvenut.

*Verzjoni tal-konvenut*

Illi fl-affidavit[5] tieghu, il-konvenut jghid li huwa ried jizzewweg lill-attrici, filwaqt li l-attrici li kienet riluttanti ghaz-zwieg u li kienet izzewget bil-fors.

Huwa jghid li fil-bidu taz-zwieg kienu ghamlu sentejn joqghodu ghand il-genituri ta' l-attrici; u li hu kien idum hafna biex jirritorna lura d-dar mix-xoghol, peress li kien jitlaq ghax-xoghol fis-7.00 am, u fl-4.30 pm wara l-hin normali tax-xoghol huwa kien  jibqa' hemm sat-8.00pm

[4] Fol.142 et seq.
[5] Fol. 173 et seq.

jahdem l-ghamara ghad-dar konjugali. Huwa ried li jlesti x-xogholijiet u jirrendi l-post abitabbli, sabiex il-partijiet imorru joqghodu fih.

Il-konvenut jinnega li huwa kien aggressiv ma' martu, u li kien jerfa' idejh fuqha, u jghid li ma kienx hemm eposidji ta' vjolenza fizika bejniethom. Huwa jghid ukoll li, hekk kif it-tifel taghhom beda l-iskola, hija kienet bdiet tohrog wahidha mid-9.00 am u ma kinitx taghtih spjegazzjoni fejn kienet tmur.

Huwa jispjega li l-inkwiet matrimonjali beda wara hames snin taz-zwieg meta nduna li martu kellha relazzjoni extra matrimonjali ma' Joseph Saliba. Jghid li sussegwentement martu kellha diversi rapport ma' rgiel ohra li huwa jidentifika bhala Mario, Sandro, Charlie u Stephen Agius. Jakkuza lil martu wkoll li kellha kunfidenza kbira mal-qassis li suppost kien qed jipprova jsalvalhom iz-zwieg, u jghid li ghandu tape recording ta' dawn il-konverzazzjonijiet li juru diskors mhux xieraq da parti ta' dan filwaqt li martu kompliet mieghu. Il-konvenut jghid ukoll li kienet nibtet "hbiberija soda" bejn martu u Peter Agius li hu kien qabbad biex isewgiha.

Huwa jinnega li wara s-separazzjoni kellu relazzjoni ma' mara ohra, kif ukoll li kien jiltaqa' ma' l-attrici biex ikollhom rapporti sesswali; u jghid li l-iskop ta' l-inkontri tieghu ma' l-attrici f' dak iz-zmien kien, sabiex jipprovaw jilhqu kompromess dwar id-dar.

Il-konvenut jghid li tant kienet thawwad l-attrici, li binhom C kien iddejjaq jghix maghha u, meta dan kellu hdax il-sena, minn rajh, kien telaq minn ma' ommu u mar jghix ma' missieru, fejn ghadu jghix sallum.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi f' dan il-kaz, hija opportuna l-osservazzjoni li hija norma fundamentali f' materja ta' provi, li minn jallega fatt ghandu l-oneru tal-prova ta' l-istess fatt; u jinghad ulterjorment li l-parti ghandha ggib il-provi kollha taghha disponibbli in sostenn tat-tezi taghha, u mhux tistrieh fuq allegazzjonijiet bl-isperanza li l-Qorti taccattaha l-verzjoni taghha.

Il-Qorti tosserva li f' dan il-kaz dan in-nuqqas taz-zewg partijiet, partikolarment tal-konvenut li qed jakkuza lill-attrici b' adulterjru, huwa manifest. Ghalkemm issemmew xi nies, kemm mill-attrici kif ukoll mill-konvenut, hadd mill-partijiet ma pproducihom bhala xhud in sostenn tal-verzjoni tieghu. B' mod partikolari, ma tressaqx bhala xhud Joseph Saliba, li l-attrici ssostni li r-relazzjoni taghha mieghu kienet wahda ta' hbiberija biss; jew Peter Agius li skond il-konvenut kellu hbiberija soda ma' martu, u li skond omm il-konvenut kien "ikkonfermali li kellu x' jaqsam ma' A [l-attrici][6].

In propositu jigi rilevat li, filwaqt li Peter Agius jikkonfigura fil-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant, l-imsemmi Joseph Saliba, ghalkemm imsemmi fid-dikjarazzjoni[7] tal-konvenut, mhuwiex indikat bhala xhud fil-lista tax-xhieda tieghu !

Illi in kwantu ghat-tape recording, li l-konvenut jghid li ghandu fil-pussess tieghu, u li tirregistrat konverzazzjoni bejn l-attrici u l-qassis indikat fix-xhieda, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:

Illi mix-xhieda[8] tal-konvenut jirrizulta li dan l-element ta' prova kien ilu fil-pussess tieghu, sa minn qabel ma bdew il-proceduri; u inoltre, ma rrizulta ebda ostakolu li mpedih milli jezebixxi dan tape-recording fiz-zmien opportun.

Inoltre, ghalkemm fin-nota tieghu, il-konvenut jghid li huwa "ried jezebixxi dan it-tape recording fl-ahhar seduta peritali, izda l-perit legali qaltlu li dan ma setax jaghmlu fl-assenza ta' l-avukat tieghu.", il-provi kif jemergu mill-atti juru l-kuntrarju; ghax dawn proprju juru li kien il-konvenut li ma riedx jezebixxi dawn it-tapes fl-assenza ta' l-Avukat tieghu. Il-verbal relattiv tas-seduta peritali tat-13 ta' Frar 2004, jaqra hekk: "Il-konvenut jiddikjara li huwa m' ghandux aktar provi, oltre li jezebixxi tape recording, u

[6] Fol.128
[7] Fol.17
[8] Dep. Fol.268 *et seq.*

jixtieq li qabel jaghmel dan ikun assistit mill-avukat difensur tieghu. Il-perit legali tirrileva li din suppost kienet l-ahhar seduta sabiex il-konvenut jaghlaq il-provi tieghu, u hija ghalhekk ser tghaddi biex tirrelata.”[9] Minn dan jirrizulta car li kienet decizjoni tieghu li l-konvenut ma ezebiex dan it-tape recording fl-ahhar seduta peritali mizmuma appozitament sabiex hu jikkonkludi l-provi tieghu. Din il-mankanza tal-konvenut, li pprova jattribwiha lill-perit legali, tassumi aktar gravita’ tenut kont tal-fatt li dan l-element ta’ prova skond hu, kien ilu fil-pussess tieghu qabel ma bdiet il-kawza fis-16 ta’ Awissu 1999. Ghalhekk jekk din il-prova verament tezisti, il-konvenut ma jista jghid xejn aktar hlief imputet sibi.

Illi di piu’ ma giex prodott bhala xhud il-qassis indikat, u dan nonostante li jinsab indikat fil-lista tax-xhieda taz-zewg partijiet.

*Adulterju*

Illi rigward l-akkuza ta’ adulterju promossa mill-konvenut in via rikonvenzjonali, il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta biss dak ammess mill-attrici, u cioe’ li dina kellha hbiberija partikolari ma’ l-imsemmi Joseph Saliba, tant li kienet tmur tintaqa’ mieghu fil-break tax-xoghol tieghu u jmorru go hanut jiehdu kafe’; u li, ghalkemm tterminat din il-hbiberija meta zewgha sar jaf, dan Saliba xorta kien baghtilha rigal fil-Milied. Jirrizulta wkoll li l-ommijiet tal-partijiet kienu marru sabu lil dan ir-ragel fuq il-post tax-xoghol tieghu u wissewh biex lill-attrici ihalliha bi kwieta.

Jigi osservat li dawn il-fatti ma jikkostitwux indizzji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti li jintegraw l-adulterju da parti ta’ l-attrici; izda l-Qorti thoss li, fic-cirkostanzi, jikkostitwixxu ‘ngurja gravi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40, da parti taghha fil-konfront ta’ zewgha; ghax hija offiza gravi li konjugi jaghmel fil-konfront tal-konjugi l-iehor jekk klandestinament izomm hbiberija partikolari ma’ persuna ohra tas-sess oppost; multo magis, bhal fil-kaz prezenti, mela l-hbiberija ta’ l-attrici ma’ dan ir-ragel kienet

9 Fol.150 – sottolinear tal-Qorti.

tali li anke meta l-attrici pprovat taqta' r-relazzjoni, huwa xorta wahda ppersista u baghtilha rigal fil-Milied.

*Sevizzi*

Illi mill-assiem tal-provi jirrizulta li l-konvenut irreagixxa ghal hbiberija li kellha martu ma' l-imsemmi Joseph Saliba, billi ma baqax jafdaha, u kien imur isegwi l-passi taghha, tant li kwazi sar ossessjonat li martu kienet qeda tkun infidila lejh. Dan il-komportament konsegwenzjali, abitwali u ripetut, jikkostitwixxi 'sevizzi' da parti tieghu fil-konfront ta' martu, stante li wassal sabiex il-konvivenza matrimonjali saret difficli hafna ghall-attrici tant li f' Lulju 1999 ma felhitx aktar u kellha titlaq mid-dar konjugali.

Illi l-effett konsegenzjali fuq l-attrici ta' dan il-komportament abuziv ta' zewgha kien aggravat bit-tghajjir da parti ta' zewgha bil-kliem bhal "Qahba" "nittina" u li tigri ma' l-irgiel. Dan jikkostitwixxi 'ingurja gravi' da parti tal-konvenut, stante li huwa diskors li necessarjament iwegga' u jtellef mid-dinjita' u r-reputazzjoni ta' dak li lilu jkun indirizzat.

Inoltre, anke l-fatt ut sic li l-konvenut allega fil-konfront ta' martu diversi relazzjonijiet extra matrimonjali ma' rgiel indikati minnu; dan il-fatt, fl-assenza ta' provi mressqa minnu, jikkostitwixxi wkoll, ghall-istess ragunijiet, 'ingurja gravi' da parti tieghu.

Illi rigward l-imputazzjoni ta' l-attrici li zewgha kien jerfa' jdejh fuqha, jigi osservat li ma ngabux provi sodisfacenti f' dan ir-rigward. L-uniku ncident li xehdet fuqu omm l-attrici kien dwar qasma li darba hi kienet rat fuq in-naha xellugija ta' mohh bintha, izda l-istess bintha ma kinitx qaltilhom l-origini ta' dik il-ferita.

Dan premess u kkunsidrat din il-Qorti hija tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment; u li dan kien dovut ghal 'ingurji gravi' da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin, u ghas-sevizzi da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu.

*Kura u Kustodja*

Illi peress li t-tifel tal-partijiet illum huwa maggjorenni, dan l-aspett tal-kawza jinsab sorvolat.

*Manteniment*
Illi l-Qorti hija tal-fehema li l-komportament abbuziv da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta’ xulxin, jattira l-applikazzjoni ta’ l-artikolu 48, b’ referenza ghall-artikolu 52 tal-Kap.16

**Komunjoni ta’ l-Akkwisti**
Illi f’ dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi pienament il-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet tal-perit legali u taddottahom.

Mill-provi jirrizulta li l-uniku assi appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti hija d-dar matrimonjali, terran numru tnejn [2] gewwa Unit numru tlieta [3] Block G, Government Buildings, Paola, tal-valur ta’ tletin elf lira maltin [LM30,000]. Inoltre, jirrizulta li hemm qbil bejn il-partijiet li l-attrici tassenja sehemha mill-proprjeta’ ta’ dan il-fond, versu l-korrispettiv ta’ nofs il-valur tieghu, cioe’ LM15,000; u dan stante li l-attrici ma tridx terga’ tmur tghix fl-imsemmi fond, filwaqt li l-konvenut u t-tifel taghhom, illum maggjorenni, baqghu jghixu fih.

Illi konformament din il-Qorti qeda tassenja lill-konvenut s-sehem ta’ l-attrici ta’ nofs indiviz tal-imsemmi fond; filwaqt li minn naha tieghu l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta’ erbgha u tletin elf disgha mija u erbghin Ewro u sittin ewro centezmu [€34,940.60] ekwivalenti ghal hmmistax-il elf lira Maltin [LM15,000], b’ mod li mal-hlas ta’ din is-somma fl-intier taghha l-konvenut ikollu l-proprjeta’ intiera tal-fond.

Illi jigi osservat li fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu, il-konvenut isostni li minn sehem l-attrici ghandhom jigu dedotti [1]spejjez ta’ xogholijiet li kellhom isiru biex jinbidel is-saqaf, flimkien ma’ spejjez gudizzjarji relattivi, b’ kollox €1,435.76, [2] kif ukoll is-somma ta’ LM2000 li l-kontendenti kienu sselfu minghand omm il-konvenut sabiex ihallsu d-down payment meta akkwistaw il-fond matrimonjali.

Illi rigward l-ispejjez, il-Qorti tirrileva li l-konvenut ma gab ebda prova in propozitu fl-istadju opportun, nonostante li l-istima tal-perit hija datata 8 ta’ Awissu 2002 u ricevuta datata 1 ta’ Frar 2005. Huwa ezebixxa dawn id-dokumenti, li huma kopja mhux awtentikata, man-nota ta’ l-osservazzjonijiet tieghu prezentata fis-16 ta’ Lulju 2008, wara li l-kawza kienet thalliet ghas-sentenza ghat-23 ta’ April 2008. Il-Qorti permezz ta’ digriet moghti fit-3 ta’ Ottubru 2008 ordnat l-isfilz ta’ dawn id-dokumenti ghas-segwenti ragunijiet: [1] illi d-data tad-dokumenti turi li l-konvenut seta’ ezebihom qabel ma l-kawza thalliet ghas-sentenza; [2] illi noti ta’ l-osservazzjonijiet ma’ ghandhomx ikunu mezz sabiex il-partijiet jikompli jressqu elementi ta’ prova, u jtawwlu nutilment il-process gudizzjarju; [3] illi ma saret ebda talba mill-konvenut sabiex jigi awtorizzat jipprezenti dokumenti man-nota tieghu, multo magis meta dawn jirrigwardaw pretensjonijiet godda proposti fl-istess nota.

Illi rigward il-pagament ta’ nofs il-kreditu ta’ LM2,000 li l-konvenut qed jippretendi li jitnaqqsu mill-imsemmija somma ta’ LM15,000 dovuta lill-attrici, il-Qorti taghmel il-segwenti osservazzjonijit: [1] illi l-prova principali f’ dan ir-rigward hija x-xhieda ta’ Grace B, omm il-konvenut, li fid-depozizzjoni taghha tas-6 ta’ Ottubru 2003, tghid hekk: “Meta zzewgu xtraw il-post, jien u zewgi sellifnihom LM2,000. Dawn il-flus irtirajthom mill-Fixed Deposit Account kif jirrizulta minn Dok.AZ[10]. Ahna disposti li nirrinunzjaw ghal dawn LM2,000 jekk iz-zewg partijiet ihallu sehemhom mill-post lit-tifel.”[11] [2] illi d-dokument Z1 huwa ittra datata 5 ta’ Marzu 1998 iffirmata minn nutar pubbliku malti fis-sens li tikkonferma li Grace B kienet irtirat il-fondi bankarji depozitati fil-kont fiss taghha ma’ l-allura Mid-Med Bank ghax xiri tal-fond fuq indikat.

Il-Qorti tosserva li l-pretensjoni ta’ Grace B ma ssibx kuntrast fil-provi, anzi tinsab konfortata bil-prova ta’ l-ittra fuq indikata, kif ukoll fil-fatt li l-att ta’ l-akkwist sar fl-4 ta’

[10] Fol.226 Dok.Z1
[11] Fol.129

Marzu 1998 u ghalhekk vicin hafna d-data ta' l-imsemmija ittra. Inoltre, fil-kuntratt hemm dikjarat li l-partijiet kompraturi kienu qed ihallsu lill-Awtorita' tad-djar venditrici, prezenzjalment is-somma ta' LM2,221.33.

Ghaldaqstant tirrizulta provata l-eziztenza ta' dan id-debitu tal-komunjoni tal-akkwisti fil-konfront ta' l-eredi ta' Grace B u ta' zewgha; u li dan ghandu jinqasam fi kwoti wgwali bejn iz-zewg partijiet.

Illi rigward l-ewwel eccezzjoni ta' l-attrici rikonvenzjonata, il-Qorti tosserva li gjaladarba l-attrici kellha l-awtorizzazzjoni mill-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla Civili sabiex tistitwixxi dawn il-proceduri, u gjaladarba hija agixxiet konformament, allura ma kienx necessarju ghall-konvenut li jottjeni awtorizzazzjoni separata, stante li l-awtorizzazzjoni tinghata mill-imsemmija Qorti wara li dik il-Qorti tkun ikkonstatat li ma kienx hemm lok ghar-rikonciljazzjoni; u di piu' fil-kaz odjern, il-kawza ghas-separazzjoni personali kienet diga' giet istitwita meta l-konvenut agixxa bil-azzjoni, allura kontro talba, tieghu. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija nfondata.

Illi rigward it-tieni eccezzjoni, il-Qorti tosserva li d-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenzjonant tikkontjeni fatti tal-kaz li gew mahlufa mill-istess konvenut, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija nfondata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi l-azzjoni billi:

[1] tilqa' t-talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment bi htija taz-zewg partijiet;

[2] tichad it-tieni talba;

[3] tichad it-tielet talba, stante li t-tifel illum huwa maggjorenni;

[4] tichad ir-raba' talba, stante li t-tifel illum huwa maggjorenni;

[5] tilqa' il-hames talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet;

[6] tilqa' is-sitt talba limitatament u fis-sens fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti"; u tinnomina

lin-Nutar Dottor Joseph Tabone sabiex fi zmien xaharejn millum u f'gurnata, hin u post, indikat minnu, jircevi l-att opportun, u tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella Bezzina sabiex tidher ghall-eventwali kontumacja;
[7] tichad is-seba' talba;
[8] tilqa' it-tmien talba;

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn iz-zewg partijiet;

Tiddeciedi dwar il-kontro talba billi, filwaqt li tichad l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet, u l-kumplament ta' l-eccezzjonijiet in kwantu dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn that deciz;
[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq deciz;
[2] tilqa' it-tieni u s-seba' talba limitatament u fis-sens li tapplika kontra taghha d-dispost ta' l-artikolu 48 fl-intier tieghu, kif del resto giet ordnata l-applikazzjoni tieghu fil-konfront ta' l-istess konvenut;
[3] tichad it-tielet talba, stante li t-tifel illum huwa maggjorenni;
[4] tilqa' ir-raba' talba;
[5] tilqa' il-hames talba fis-sens fuq deciz;
[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens fuq deciz;

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, hlief dawk ta' l-ewwel u tat-tieni eccezzjoni ta' l-attrici li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-istess.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------